MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 581/2000/1

Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjetà estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' M. Demajo Timbers Ltd.

Vs

S.Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. armaturi tal-vapur Jolly Grigio u s-socjetà The Cargo Handling Company Limited u b'Digriet tal-5 ta' Frar 2010 l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Abigail Galea li giet nominata bhala stralcarja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

**Rat l-Avvizipprezentat fit-8 ta' Mejju 2000 mis-socjetà Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjetà estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' M. Demajo Timbers Ltd. permezz ta' liema titlob li s-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C.**

**S.p.A. armatur tal-vapur Jolly Grigio u s-socjetà The Cargo Handling Company Limited jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' sitt mija tnejn u tmenin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm682.60), illum ekwivalenti ghal elf hames mija u disghin Euro u tlett centezmi (€1,590.03), bhala danni minnha mgarrba ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejnha u l-assigurat taghha li permezz taghha hija kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' sitt mija sebgha u erbghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm647.60), illum ekwivalenti ghal elf hames mija u tmien Euro u hamsin centezmu (€1,508.50), danni sofferti fil-merkanzija ta' injam li waslet Malta fuq il-vapur Jolly Grigio fid-9 ta' Mejju 1999, ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' hamsa u tletin Lira Maltija (Lm35), illum ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53), rapprezentanti survey fees minnha inkorsi u ghalhekk ghad-danni totali ta' Lm682.60, illum ekwivalenti ghal €1,590.03, u dana prevja dikjarazzjoni li huma jew min minnhom huwa responsabbli ghad-danni mgarrba minnha, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom;**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. armatur tal-vapur Jolly Grigio permezz ta' liema teccepixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li ma hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi l-inkarigu taghha bhala agent Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. kien li ggorr il-merkanzija mill-port tal-kariku ghal Malta, liema obbligu hija adempietu diligentement, kif del resto rikonoxxut mis-socjetà konvenuta l-ohra, stante li r-rilaxx tal-merkanzija mit-*Tally Sheets* jirrizulta li huwa intatt. Del resto dan kien l-obbligu taghha u xejn iktar;**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament ghandu jigi ppruvat**

**li n-nuqqasijiet dedotti fl-Avviz tas-socjetà attrici sehhew waqt li l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni taghha u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lilha ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hijiex responsabbli ghall-hsara u n-nuqqasijiet dedotti fl-Avviz tas-socjetà attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-Ligi; (iii) fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-Avviz tas-socjetà attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif is-socjetà attrici waslet ghall-ammont; (iv) fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li hija qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali; u (v) it-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront taghha, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;**

**Rat li b'Digriet datat 5 ta' Frar 2010 l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Abigal Galea nominata bhala stralcarja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited;**

**Semghet ix-xhieda ta' Christopher Attard in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2003[1] u rat id-dokumenti a fol. 20 u 21 tal-process li dwarhom xehed l-istess Christopher Attard, semghet ix-xhieda ta' Mario Buttigieg moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Novembru 2003[2], tad-9 ta' Dicembru 2010[3] u tal-31 ta' Ottubru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 38 sa' 42 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-20 ta' Frar 2006 markati Dok. "A1" sa' Dok. "A4" a fol. 51 sa' 56A tal-process, semghet ix-xhieda ta' Adrian Mifsud**

[1] Fol. 35 tal-process.
[2] Fol. 36 u 37 tal-process.
[3] Fol. 91 u 92 tal-process.
[4] Fol. 100 u 101 tal-process.

**moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2006[5] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 63 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Vincent Sacco moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012[6];**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;**

Ikkunsidrat**:**

**Bil-proceduri odjerni s-socjetà Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjetà estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' M. Demajo Timbers Ltd. titlob li s-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. armatur tal-vapur Jolly Grigio u s-socjetà The Cargo Handling Company Limited jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta' Lm682.60, illum ekwivalenti ghal €1,590.03, rapprezentanti danni minnha mgarrba ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejnha u l-assigurat taghha M. Demajo Timbers Ltd., li permezz taghha kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' Lm647.60, illum ekwivalenti ghal €1,508.50, bhala danni sofferti fil-merkanzija ta' injam li waslet Malta fuq il-vapur Jolly Grigio fid-9 ta' Mejju 1999, ma' liema ammont ta' danni ghandu jizdied ammont ta' Lm35, illum ekwivalenti ghal €81.53, minnha inkors, u dana prevja dikjarazzjoni li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghad-danni mgarrba minnha.**

**Is-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. armatur tal-vapur Jolly Grigio tilqa' ghat-talbiet attrici bl-eccezzjoni li t-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li ma hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi l-inkarigu taghha bhala agent Malta tas-socjetà Ignazio Messina & C. S.p.A. kien li ggorr il-merkanzija mill-port tal-kariku ghal Malta, liema**

---

[5] Fol. 60 sa' 62 tal-process.
[6] Fol. 106A u 106B tal-process.

**obbligu hija adempietu diligentement, kif del resto rikonoxxut mis-socjetà konvenuta l-ohra, ossia The Cargo Handling Company Limited, stante li r-rilaxx tal-merkanzija mit-*Tally Sheets* jirrizulta li huwa intatt. Del resto dan kien l-obbligu taghha u xejn iktar.**

**Is-socjetà The Cargo Handling Company Limited – il-gudizzju fir-rigward ta' din is-socjetà illum, bis-sahha ta' Digriet datat 5 ta' Frar 2010, jinsab trasfuz f'Dr. Abigail Galea li giet nominata bhala stralcarja ta' l-imsemmija socjetà – laqghet ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fl-Avviz tas-socjetà attrici sehhew waqt li l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni taghha u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lilha ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hijiex responsabbli ghall-hsara u n-nuqqasijiet dedotti fl-Avviz tas-socjetà attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-Ligi; (iii) fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-Avviz tas-socjetà attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif is-socjetà attrici waslet ghall-ammont; (iv) fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li hija qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali; u (v) it-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront taghha, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.**

**Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:**

- **F'April ta' l-1999 is-socjetà M. Demajo Timbers Ltd., l-assigurat tas-socjetà attrci, akkwistat kwantità ta' injam minghand is-socjetà S.O.F.I.B.E.X. gewwa l-Afrika[7];**

[7] **Fattura a fol. 56A tal-process.**

- **Is-socjetà S.O.F.I.B.E.X. baghtet din il-kwantità ta' injam fi 43 bundle li tghabbew fuq il-vapur Jolly Grigio biex jigu trasportati mill-port ta' San Pedro ghal hawn Malta;**
- **L-armatur tal-vapur Jolly Grigio hija d-ditta Ignazio Messina & C. S.p.A., rapprezentata f'Malta mis-socjetà konvenuta S.Mifsud & Sons Ltd. li giet inkarigata mis-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. ghal dan it-trasport ta' merkanzija;**
- **Mill-*Bill of Lading* datata 16 ta' April 1999[8] jirrizulta li bhala fatt tghabbew total ta' 43 bundle ta' injam fuq il-vapur Jolly Grigio biex jigu trasportati mill-port ta' San Pedro ghal hawn Malta u konsenjati lis-socjetà M. Demajo Timbers Limited;**
- **Il-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fid-9 ta' Mejju 1999 u min-*Notice of Arrival* mahruga mis-socjetà konvenuta S.Mifsud & Sons Limited favur is-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. jirrizulta li waslu 43 bundle ta' injam[9];**
- **Mit-*Tally Sheet* datata 9 ta' Mejju 1999[10] iffirmata minn rapprezentant tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited u minn rapprezentant tas-socjetà S.Mifsud & Sons Limited, kif ukoll minn ufficjal tal-vapur Jolly Grigio, jirrizulta li minn fuq il-vapur inhattu b'kollox 155 bundle ta' injam, b'wiehed mill-bundles li kien *loose*;**
- **Mill-*Gate Pass Out* datat 11 ta' Gunju 1999[11] jirrizulta li gew konsenjati 42 bundle ta' injam lir-rapprezentant, ossia lill-burdnar, tas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd.;**
- **Mid-dokument rilaxxjat mid-Dwana[12] u mix-xhieda ta' Christopher Attard, rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana, moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2003[13] ukoll jirrizulta li ghalkemm kellu jkun hemm 43 bundle ta' l-injam bhala fatt kull ma kien hemm 42 bundle ta' injam u kienet din il-kwantità**

[8] Fol. 40 tal-process.
[9] Fol. 39 tal-process.
[10] Fol. 68 tal-process.
[11] Fol. 38 tal-process.
[12] Fol. 28 u 29 tal-process.
[13] Fol. 35 u 36 tal-process.

**li giet rilaxxata favur ir-rapprezentant tas-socjetà M. Demajo Timbers Limited;**

- **Is-socjetà M. Demajo Timbers Limited ghamlet claim mas-socjetà attrici u dana fir-rigward tan-nuqqas, ossia *pilferage*, ta' bundle ta' l-injam u fis-16 ta' Gunju 1999 kitbet lis-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. fejn zammitha responsabbli ghad-danni subiti b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas[14];**
- **Sar survey fir-rigward ta' dan il-kaz u gie determinat li l-valur tal-bundle ta' injam li kien nieqes kien ta’ Lm647.60. Is-survey fees relatati ma' dan is-survey kienu jammontaw ghal Lm35.00[15];**
- **A tenur tal-polza ta’ assikurazzjoni s-socjetà attrici indennizzat lis-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. is-somma ta’ LM647.60 u giet surrogata fid-drittijiet taghha bis-sahha tad-debita *subrogation form* datata 4 ta’ Ottubru 1999[16].**

**Huma principji ormai assodati in materja ta’ danni fir-rigward ta’ merkanzija li tigi importata minn barra minn Malta li r-ricerka ghar-responsabbiltà hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta’ zewg mumenti fokali: (1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabbiltà ta’ l-armatur; u (2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabbiltà tal-Cargo Handling[17] u li ghaz-zewg mumenti fokali hemm in-nota dokumentarja li ghandha ‘juris tantum’ tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-tally sheet; u ghat-tieni mument, qabel li l-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – il-Gate Pass Out. Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decisivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-**

---

[14] **Fol. 27 tal-process.**
[15] **Fol. 52 sa’ 54 tal-process.**
[16] **Fol. 42 tal-process.**
[17] **Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe, Citaz. Nru. 1155/84 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Jannar 2002.**

**opportunità f'waqtha, a tempo vergine, li jikkontrollaw u jippreċizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-presunzjoni juris tantum li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici, dokumenti li gew ikompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni[18].**

**Kif già iktar 'l fuq osservat mill-*Bill of Lading* datata 16 ta' April 1999 jirrizulta li fuq il-vapur Jolly Grigio tghabbiet konsenja ta' injam konsistenti fi 43 bundle destinati ghal Malta u senjatament ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd mill-Port ta' San Pedro fl-Afrika. Min-*Notice of Arrival* datata 9 ta' Mejju 1999 mahruga mis-socjetà S.Mifsud & Sons Limited a favur is-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. jirrizulta li fuq il-vapur Jolly Grigio waslu Malta 43 bundle ta' injam. Mit-*Tally Sheet* esebita a fol. 68 tal-process, liema *Tally Sheet* hija wiehed miz-zewg dokumenti l-iktar importanti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li fid-9 ta' Mejju 1999 inhattu minnu fuq il-vapur Jolly Grigio l-ammont ta' 155 bundle ta' l-injam, b'wiehed mill-bundles loose, ossia ferm iktar mill-43 bundle destinati ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd., izda dan il-fatt gie debitament spjegat minn Adrian Mifsud in rapprezentanza tas-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2006[19], u liema spjegazzjoni ma gietx kontrastata jew imxejna la mis-socjetà attrici u lanqas mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited jew Dr. Abigail Galea bhala stralcarju ta' l-imsemmija socjetà. Adrian Mifsud in effetti xehed illi *in rigward l-inkarigu f'dan il-kaz, dan kien sar direttament lix-shippers u cioè specifikatament id-ditta Sofibex. Il-port tat-tluq tal-merkanzija kien San Pedro, f'West Africa u l-merkanzija kellha tingieb hawn Malta. Il-merkanzija kienet tikkonsisti fi 43 bundle ta' timber. Ma' dan it-timber illi qieghed nirreferi ghalih, kien hemm ukoll qed jigi trasportat Malta timber iehor appartenenti lil terzi persuni. B'kollox kien hemm fil-fatt mija u hamsa***

[18] Formosa & Camilleri Limited noe v. Seamalta Company Limited et, Citaz. Nru. 2268/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001.
[19] Fol. 60 sa' 62 tal-process.

***u hamsin (155) bundle ta' timber. Mal-wasla go Malta kien hemm bundle wiehed li wasal izda loose*.**

**Dan ifisser ghalhekk li bhala fatt it-43 bundle ta' injam mghobbi fuq il-vapur Jolly Grigio u destinat ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. wasal Malta, inhatt minn fuq il-vapur u gie konsenjat lis-socjetà The Cargo Handling Company Limited. Ghaldaqstant kif gustament eccepit mis-socjetà konvenuta S.Mifsud & Sons Ltd. hija ma tistax tinsab u tinzamm responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjetà attrici stante li hija qdiet l-obbligu minnha assunt fil-konfront tas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd.**

**Jigi osservat illi t-*Tally Sheet* in kwistjoni giet iffirmata kemm minn rapprezentant tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited, ossia minn Vincent Sacco kif minnu stess ikkonfermat fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012[20], kif ukoll minn rapprezentant tas-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. u kontro-iffirmata minn ufficjal tal-vapur u ghalhekk fir-rigward japplika l-principju pertinenti ghall-*Joint Tally Sheet* u cioè illi *il-joint tally tipprezumi r-responsabilità tar-rapprezentant tal-Cargo Handling jekk dan ma jindikax f'dak il-mument u fuq l-istess tally l-ezistenza tal-hsara jew tan-nuqqas, daqstant iehor ghandu jigi prezunt illi bil-fatt li fuq it-tally ir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur jissenjala taht il-firma tieghu l-fatt tal-hsara, huwa qed jirrikonoxxi li l-hsara fil-fatt kien hemm fil-mument tal-konsenja mill-vapur u li dan ghandu jwiegeb ghaliha*[21]*.* Fil-kaz in ezami d-diskrepanza jew nuqqas li gie riskontrat fil-merkanzija li nhattet minn fuq il-vapur Jolly Grigio kienet biss dwar il-fatt li bundle ta' injam – li lanqas jirrizulta b'mod konklussiv li kien wiehed mill-bundles destinat ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. – inhatt *loose* liema kwistjoni ma ghandha x'taqsam xejn mal-mertu ta' dawn il-proceduri li jittrattaw dwar in-nuqqas**

**[20] Fol. 106A u 106 B tal-process.**
**[21] Brian Valenzia noe v. Godwin Abela noe, Citaz. Nru. 735/91 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003; Wilfred Mamo et noe v. James Gollcher et noe et, Appell Kummercjali deciz fl-1 ta' Marzu 1989.**

**jew ahjar *pilferage* ta’ bundle wiehed ta’ injam. In kwantu rigwarda in-numru ta’ bundles ta' injam li nhattu minn fuq il-vapur u konsegwentement ghaddew fil-kustodja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited, jirrizulta b’mod car li inhattu 155 bundle ta' l-injam li kif già inghad kienu jinkludu t-43 bundle ta’ injam destinati ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd.**

**Vincent Sacco jipprova jixhet dell fuq l-operat tal-vapur, u konsegwentement ghalhekk tas-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd., vis-a-vis il-qadi ta’ l-obbligi u dmirijiet taghhom versu d-destinatarji tal-merkanzija billi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-9 ta’ Jannar 2012 iddikjara li *meta jkun niezel ix-xoghol minn fuq il-vapur ahna niehdu notament ukoll ta’ hsarat*[22] *li jista’ jkun hemm, u fir-rigward tal-bundles li jien ghamilt referenza ghalihom fid-dokument li qed insemmi x’aktarx kien hemm xi hsara fl-istess bundles. Anzi nghid li zgur kien hemm hsara fil-bundles*[23]*. Dan id-dokument jintela fi stadju fejn il-merkanzija tkun qed tinhatt minn fuq il-vapur u tiddahhal fit-tined*. Din ix-xhieda però ftit li xejn hija attendibbli fil-kaz in ezami stante li kif già iktar ‘l fuq osservat hawn si tratta ta’ nuqqas ta’ bundle ta’ injam – fis-sens illi flok 43 bundle s-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. irceviet biss 42 bundle – u mhux ta’ hsara f’xi wiehed jew iktar mill-bundles ta’ l-injam.**

**Ghalkemm jirrizulta illi s-socjetà The Cargo Handling Company Limited hadet taht il-kustodja taghha 43 bundle ta’ injam destinati ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd., bhala fatt jirrizulta li l-burdnar tas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. ircieva minghand is-socjetà The Cargo Handling Company Limited biss 42 bundle ta’ injam u mhux it-43 bundle li suppost irtira minghandhom. Dan il-fatt jirrizulta ikkonfermat mhux biss mid-dokument rilaxxat mid-Dwana esebit a fol. 20 u 21 tal-process u mix-xhieda ta’ Christopher Attard in rappresentanza tal-Kontrollur tad-Dwana waqt ix-**

[22] **Sottolinear tal-Qorti.**
[23] **Sottolinear tal-Qorti.**

**xhieda li ta fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2003[24], izda iktar importanti minn hekk mill-*Gate Pass Out* mahrug mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited u esebit a fol. 38 tal-process. Dwar dan id-dokument The Cargo Handling Company Limited jew Dr. Abigail Galea bhala stralcarja ta' l-imsemmija socjetà ma jghidu assolutament xejn u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-veracità ta' dak fih dikjarat. Dan ifisser ghalhekk illi f'xi hin waqt li t-43 bundle ta' injam destinati ghas-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. kienu fil-pussess u taht il-kustodja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited wiehed minn dawn il-bundles gie nieqes. Konsegwentement ghalhekk u kuntrarjament ghal dak minnha eccepit fl-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet minnha sollevati, hija din is-socjetà li hija responsabbli versu s-socjetà attrici ghad-danni minnha sofferti konsegwenti ghall-claim maghmula maghha mill-assigurat taghha fir-rigward ta' dan il-kaz.**

**Din l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju ormai assodat in materia li min jiehu hsieb l-organizzazzjoni portwali, f'dan il-kaz is-socjetà The Cargo Handling Company Limited, titqies bhala depozitarju u *qua depozitarju kienet obbligata tuza d-diligenza li biha soltu tiehu hsieb hwejjigha (Artikolu 1899, Kodici Civili). Fin-nuqqas hi tenuta ghal kolpa gravi anke jekk tkun accettat li zzomm il-haga bil-patt li ma tkunx responsabbli ghall-hsara li tista' tigri fil-haga. ... Ifisser ghalhekk li "id-depozitarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depozitata jew lil min ikun iddepozitaha". ... Multo magis, hi hekk responsabbli s-socjetà Cargo Handling li ghandha certament l-oneru impost fuqha bil-ligi ghall-preservazzjoni tal-merkanzija[25].***

---

[24] **Fol. 35 u 36 tal-process.**

[25] Formosa & Camilleri Limited noe v. Seamalta Company Limited et, Citaz. Nru. 2321/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2004.

**Stabbilit li r-responsabbiltà ghad-danni inkorsi mis-socjetà attrici ghandha fil-kaz in ezami tigi sopportata unikament mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited, illum proprjament minn Dr. Abigail Galea bhala stralcarja ta' l-imsemmija socjetà, il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkonsidra t-tielet eccezzjoni sollevata mill-imsemmija socjetà u cioè li l-ammont ta' danni reklamat mis-socjetà attrici bl-azzjoni odjerna huwa eccessiv.**

**Is-socjetà attrici titlob li tithallas in linea ta' danni s-somma komplessiva ta' Lm682.60, illum ekwivalenti ghal €1,590.03, konsistenti fis-somma ta' Lm647.60, illum ekwivalenti ghal €1,508.50, rapprezentanti d-danni minnha imhallsa lis-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. skond il-polza ta' assikurazzjoni, u fis-somma ta' Lm35.00, illum ekwivalenti ghal €81.53, rapprezentanti l-*fees* inkorsi biex sar is-Survey Report. Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici, liema provi ma gewx kontradetti jew imxejna mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited jew minn Dr. Abigail Galea bhala stralcarja ta' l-imsemmija socjetà, jirrizulta li: (a) il-valur tal-bundle ta' injam li naqas kien ta' Lm647.60[26] u li dan l-ammont effettivament thallas mis-socjetà attrici lis-socjetà M. Demajo Timbers Ltd. in bazi ghall-polza ta' assikurazzjoni tant illi bis-sahha ta' subrogation form datata 4 ta' Ottubru 1999 is-socjetà attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjetà assigurata[27]; u li (b) il-*fees* relattivi ghas-Survey Report imhejji minn The Institute of London Underwriters kienu jammontaw ghal Lm35.00[28]. In kwantu rigwarda s-*survey fees* pretizi mis-socjetà attrici jigi osservat li ormai huwa principju assodat li *huwa formalizmu esagerat li jigu esklusi s-survey fees meta dawn effettivament huma spiza necessarja u accessorja inkorsa biex jigu stabbiliti d-danni*[29] – kif**

**[26] Survey Report a fol. 52 sa' 54 tal-process.**
**[27] Subrogation form a fol. 42 tal-process.**
**[28] Fol. 52 tal-process.**
**[29] Dr. Simon Micallef Stafrace noe v. Adrian Mifsud et noe, Citaz. Nru. 105/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 u Formosa & Camilleri Limited noe v. Seamalta Company Limited et, Citaz. Nru. 2268/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001.**

**kien il-kaz in ezami – u ghalhekk *tali ammont ikun reklamabbli mis-socjetà assikuratrici mhux in forza ta' surroga, imma in forza tal-principji generali li jekk persuna kkagunat danni hi kellha tirrispondi ghalihom, u konsegwentement dawn id-danni kellhom jestendu wkoll ghal dak l-ammont li kellu jigi necessarjament minfuq biex jigu stabbiliti dawn id-danni*.**

**B'hekk is-socjetà attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti li d-danni minnha inkorsi effettivament jammontaw ghal Lm682.60, illum ekwivalenti ghal €1,590.03, u li ghalhekk kuntrarjament ghal dak eccepit mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited id-danni minnha reklamati ma humiex eccessivi.**

**Is-socjetà The Cargo Handling Company Limited teccepixxi wkoll li l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjetà konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali. Ghalkemm ma jirrizultax li s-socjetà The Cargo Handling Company Limited f'xi zmien qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri giet interpellata mis-socjetà attrici ghall-hlas tad-danni minnha pretizi, l-eccezzjoni minnha sollevata fir-rigward ta' l-imghax ma tistax tigi milqugha in vista tal-principju li rigward it-talba ghall-interessi, gie deciz li dawn jidekorru mhux mid-data tal-hlas lill-assikurat, izda minn dakinhar li d-ditta misjuba responsabbli ghall-hsarat tkun giet avzata bil-hlas da parti ta' l-assigurazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali avviz, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru min-notifika tac-citazzjoni[30] – li del resto hija appuntu t-talba tas-socjetà attrici fil-proceduri odjerni.**

**Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li filwaqt li l-eccezzjoni sollevata mis-socjetà S.Mifsud & Sons Ltd. hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha, l-**

---

[30] **Noel Ellul noe v. Joseph Apps noe et noe, Citaz. Nru. 1469/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Gunju 2002.**

**eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited ma humiex gustifikati u ma jisthoqqx li jigu milqugha u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront ta' Dr. Abigail Galea bhala stralcarja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited li f'ismha gew trasfuzi l-atti ghan-nom ta' l-imsemmija socjetà bis-sahha ta' Digriet moghti fil-5 ta' Frar 2010.**

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta S.Mifsud & Sons Ltd. u konsegwentement tichad it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront taghha;**
**2. Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà The Cargo Handling Company Limited;**
**3. Tiddikjara li s-socjetà The Cargo Handling Company Limited, illum l-atti fir-rigward taghha jinsabu trasfuzi f'isem Dr. Abigail Galea bhala stalcarja ta' l-imsemmija socjetà, hija responsabbli verso s-socjetà attrici ghad-danni minnha inkorsi b'konsegwenza tan-nuqqas ta' bundle ta' injam destinat lis-socjetà M. Demajo & Sons Ltd., liema danni jammontaw ghal Lm682.60, illum ekwivalenti ghal €1,590.03; u**
**4. Konsegwentement tilqa' it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra The Cargo Handling Company Limited u tikkundanna lil Dr. Abigail Galea bhala stralcarja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €1,590.03, ekwivalenti ghal Lm682.60, bl-imghax legali dekoribbli mit-28 ta' Gunju 2000, id-data tan-notifika ta' l-Avviz promotur lis-socjetà The Cargo Handling Company Limited, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez kollha relattivi ghal dawn il-proceduri jigu sopportati minn Dr. Abigail Galea bhala stralcarja tas-socjetà The Cargo Handling Company Limited.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------